MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2001

Avvi$Z Numru. 323/2001/1

**Avviz numru  323/01 DM**

**Raymond Cutajar**

**Vs**

**Anthony Pace**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u hdax-il lira Maltin (Lm211) li hu ghandu jaghti bhala bilanc minn somma akbar ghal oggetti mixtrija u kkonsenjati lilu u li huwa ghadu ma hallasx minghajr ebda raguni, kif imfissra car fl-ittra legali tas-17 ta' Marzu, 2001, u l-ittra ufficjali tad-29 ta' Marzu, 2001, bl-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) sal-gurnata tal-pagament effettiv; u;

Bl-ispejjes  inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tas-17 ta’ Marzu 2001 u ta’ l-ittra ufficjali tad-29 ta’ Marzu 2001, u li b’kollox jigu izjed minn mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250).

Rat illi l-konvenut imsejjah tlett darbiet, ma deherx biex jikkontesta it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara illi l-Qorti semghet bil-gurament lil Raymond Cutajar l-attur, u rat id-dokumenti esebiti minnu, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma, u;

Ghaldaqstant qeghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta’ mitejn u hdax-il lira Maltin (Lm211) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b’effett mid-29 ta’ Marzu, 2001, u;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------